# Anniversarju tat-traġedja tal-ajru fi Triq il-Ġdida, Ħal Luqa

## *30 ta' Diċembru, 1952*

Richard J. Caruana

Bħal tfal oħra li kienu bil-vaganzi tal-aħħar tas-sena, Charlie Seychell kien id-dar, Nru 61, Triq il-Ġdida Ħal Luqa, dakinhar it-Tlieta, 30 ta' Diċembru 1952. Kellu għaxar snin u filgħodu stenbaħ b'għonqu minfuħ. Missieru kien se jieħdu l-Belt miegħu imma għalih fis-sodda waqt li ommu (Stella) marret tixtri ftit żejt mingħand Feliċja, li kellha ħanut fl-istess triq, biex tidliklu għonqu bih. Fid-dar kien hemm biss ħuh Ivo li kien għadu żgħir ħafna minbarra Rita, tfajla li kienet tiġi tgħin lil Stella fix-xogħol tad-dar.[1]

Kien ftit qabel il-ħdax ta' filgħodu meta f'daqqa waħda nstema' ħoss ta' splużjoni barra fit-triq li kkawżat nirien ma' kullimkien. Bejn id-dħaħen u t-trabijiet Charlie ma setax jifhem x'kien ġara. Ta' tifel li kien ftit seta' jimmaġina li ajruplan iġġarraf għal ġot-triq u li partijiet minnu nxterrdu fuq medda kbira f'dik iż-żona ta' Ħal Luqa. Bħalu kienu nħasdu u tħawdu n-nies kollha tar-raħal, speċjalment in-naħa ta' Triq il-Ġdida, Triq Sant'Andrija u Triq San Ġorġ.



*Lancaster bomber b'erba' magni tar-Royal Air Force fil-mitjar ta' Ħal Luqa, li bħalu ġġarraf fi Triq il-Ġdida u madwar Ħal Luqa.*



*L-awtur Richard J. Caruana waqt l-intervista ma' Charlie Seychell*

## X'kien ġara?

Dik li kellha tkun titjira ta' rutina minn Avro Lancaster B.Mk.III GR (SW344) tat-37 *Long-Range Maritime Reconnaissance Squadron*, tar-*Royal Air Force* (RAF), spiċċat fi traġedja għall-ekwipaġġ u r-residenti ta' Ħal Luqa. Dan il-Lancaster kien mibni fit-Tieni Gwerra Dinjija bħala ajruplan tal-bumbardament u kellu erba' magni, u bħal ħafna minn dawk li skansaw il-qerda tal-gwerra kien ġie mmodifikat għat-tfittix fuq il-baħar u ngħata lil din l-iskwadra f'April tal-1951. L-iskop tat-titjira kien wieħed ta' taħriġ.[2]

Dan il-Lancaster kellu ekwipaġġ ta' erba' Surġenti (*Sergents – SGT*): John C. E. Smith (pilota), Geoffrey Charles Glanville (ko-pilota), John Crawford Logan (operatur tar-radju) u Wilfred Morris (inġinier). Glanville kien qiegħed jagħmel l-ewwel




*Ir-rotta tal-aħħar mumenti li ħa l-Lancaster qabel iġġarraf*




*Id-denb ta' wara tal-Lancaster fuq il-bjut tad-djar fuq in-naħa ta' Triq San Ġorġ*

titjira tiegħu bħala kaptan, jiġifieri kien qed itajjar l-ajruplan hu.[3] It-titjira bdiet minn fuq *Runway* 06, fuq ix-xaqliba viċin ta' Kandja, fl-għaxra u erbgħin-il minuta. Nies tas-servizz xehdu li l-magna tan-naħa ta' ġewwa fuq ix-xellug tal-pilota bdiet taqta' minn ħin għall-ieħor waqt li l-ajruplan kien qed jinqata' mill-art sakemm f'daqqa waħda qagħtet għal kollox.[4]

Il-pilota, *Sgt* John Smith, ħa f'idejh il-kmand tal-Lancaster bil-ħsieb li jagħmel dawra qasira fuq tliet magni u jittanta nżul ta' emerġenza fl-ajruport. Imma mgħobbi kif kien l-ajruplan kien diġà fil-baxx wisq u ta' periklu kbir u ma damx ma ħabat ma' dar fuq in-naħa ta' barra tar-raħal li ġarrbet ħsarat kbar. Tgerbeb qisu raddiena kbira matul Triq Sam Borg, ħabat ma' tlitt idjar oħra sakemm infaqa' f'balla nar u tifrik tiegħu spiċċa mxerred fi djar u ġonna ta' Triq il-Ġdida. Ma kinux għaddew aktar minn tliet minuti minn mindu kien inqata' minn fuq il-mitjar. It-travu prinċipali tal-ġwejnaħ instab fuq saqaf baxx, tlieta mill-erba' magni kienu mxerrdin fuq medda wiesa': waħda fit-triq, oħra daħlet ġewwa dar waqt li t-tielet waħda nstabet ġo ġnien. Id-denb waqa' fuq il-bejt ta' dar li kienet għada qed tinbena u fejn f'dak il-ħin kien hemm il-bennejja jaħdmu, li b'xorti tajba ma ġralhom xejn. Is-sħana qawwija tal-*fuel* jaqbad dewbet l-istann ta' numru ta' kanen tal-ilma waqt li fil-ġonna tal-madwar numru kbir ta' siġar kienu jidhru maħruqin. Xi tiġieġ u tjur ħarbu mill-gaġeġ u spiċċaw jiġru mas-saqajn.[5]

Fi ftit minuti skwadri tat-tifi tan-nar minn RAF Luqa u dawk tal-Pulizija waslu fuq il-post biex jagħtu l-għajjut u jikkontrollaw in-nirien. Ftit wara ngħaqdu magħhom skwadri oħra mir-*Royal Naval Air Station* minn Ħal Far u Ta' Qali (HMS Falcon u Goldfinch), kif ukoll mit-Tarzna. Flimkien għamlu l-almu tagħhom biex jitfu n-nar fl-iqsar żmien possibbli. Waqt li dawn kienu fuq xogħlhom, tobba u speċjalisti tas-servizzi Ingliżi u tan-*navy* Amerikana (tal-aħħar, kellhom bażi f'Ħal Far dak iż-żmien) bdew jagħtu l-ewwel għajnuna lil min kellu bżonn.[6]



*Dehra ta' Triq il-Ġdida li turi l-ħerba li ħalla t-tiġrif tal-ajruplan*



*Waħda mid-djar ta' Indri Spiteri (iċ-cisk) imġarrfa fi Triq il-Ġdida*



*It-tifrik tal-ajruplan fil-ġonna.*

## Ħerba u mwiet

L-ajruplan ħalla warajh ħerba għal aktar minn 275 metru. L-aktar li sofew danni kienu djar fi Triq il-Ġdida, fejn spiċċat ir-rankatura tal-ajruplan. Id-dar tal-familja Seychell (Nru 61) intlaqtet fil-faċċata ta' fuq it-triq, waqa' s-saqaf tal-intrata u parti tal-ajruplan instabet fil-ġardina. B'xorti tajba – forsi bl-intervent tal-Patrun tagħna Sant'Andrija – Charlie Seychell u ħuh Ivo, li kienu f'kamra biswit l-intrata, ma ġralhom xejn u nħarġu mid-dar filwaqt li s-seftura Rita nħarqet f'idejha u kellha tittieħed l-Isptar San Luqa għall-kura.[7] Andrew Zammit ta' sebgħin sena wkoll ġarrab ħruq ta' natura ħafifa u ttieħed l-isptar.

Indri Camilleri daħal fid-dar ta' Seychell biex jara jekk kienx hemm xi ħaddieħor ġewwa. Fil-ġardina sab żewġ membri tal-ekwipaġġ ras ma' ras u sema' wieħed minnhom jokrob u jgħid: "God, help me!" Ħareġ barra u beda jgħajjat lit-tobba u nies oħra tas-servizz li kien hemm fit-triq sakemm wieħed minnhom daħal u ta' *injection* liż-żewġ feruti, qabel ma' dawn inħarġu u ttieħdu l-isptar.[8]

Il-proprjetà tal-familja Zarb kienet tinfed minn żewġ triqat, bid-dar Nru 37 (illum Nru 44), Triq Sant'Andrija, ġnien warajha, u kienet tispiċċa fi Triq il-Ġdida. Parti kbira mill-ġwejnaħ tal-Lancaster ġarraf il-garaxx kważi għal kollox waqt li l-*fuel* infirex jaqbad għal ġol-ġnien. F'din id-dar kienu joqogħdu tmien aħwa, ulied Pawlu Zarb u Eliżabetta neè Caruana, Grezzju, Mikiel, Toni, Ġużeppi, Indri u Karmnu, flimkien ma' Konċetta u Maria. Ħadd minnhom ma kien miżżewweġ. Waqt li l-ħsara fil-proprjetà tagħhom ma kinitx żgħira, dawn kellhom l-isfortuna li jsofru t-telfa tal-unika vittma ċivili. Maria kienet għada kif spiċċat tonxor il-ħwejjeġ u waqt li kienet nieżla l-iskalapiża tal-injam inħakmet mill-balla tan-nar meta l-*fuel* tal-ġwejnaħ infirex għal ġol-ġnien. L-iskalapiża ħadet in-nar bir-riżultat li Maria sofriet ħruq intensiv ma' ġisimha kollu. Oħta Konċetta tefgħatilha kutra fuqha biex titfilha n-nar imma l-ħsara kienet laħqet saret u Maria ttieħdet l-isptar San Luqa. Ħuha Mikiel, li kien ġie mill-Amerika, kien jgħix fil-garaxx u dejjem kien jgħid li fil-konfużjoni xi ħadd seraqlu kull ma kellu hemm ġew.[9] Biswit il-garaxx ta' Zarb kien hemm remissa b'forġa tal-ħaddied Noe Ciappara, li nlaqtet ukoll fejn hu tilef ħafna għodda fit-tifrik.

Maria Zarb mietet fl-Isptar San Luqa kawża tal-ġrieħi li ġarrbet, fl-ewwel ta' Jannar, 1953, fl-erbgħa u nofs ta' filgħodu; kellha sittin sena. Hi ndifnet fiċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa qabar nru 62, sezzjoni B.[10]

## Vittmi militari

*Cpt* Cecil F. Harrison, uffiċjal inkarigat mill-iskwadra tat-tifi tan-nar f'RAF Luqa, kien wieħed minn dawk li wasal l-ewwel fuq il-post tal-inċident. Beda jfittex fit-tifrik biex jara kienx hemm xi persuni feruti u malajr sab tnejn oħra mill-ekwipaġġ (barra dawk li nstabu fid-dar ta' Seychell – ara iktar 'l fuq) li kien taru barra mill-Lancaster hekk kif dan tfarrak. Sabhom f'kundizzjoni ħażina ħafna, imdawwrin b'biċċiet jaqbdu tal-ajruplan. Minkejja s-sħana tan-nirien madwaru, Harrison baqa' biswit iż-żewg feruti u kontinwament beda jgħajjat għall-għajjut waqt li jipprova jikkonfortahom mill-aħjar li seta'. L-għajjat tiegħu għen biex sħabu sabu t-triq sa' ħdejh qalb it-tifrik biex jaqilgħu lil dawk iż-żewġ vittmi. Ta' dan il-ġest, Harrison ingħata l-*British Empire Medal (Military Division)* mir-Reġina Eliżabetta II b'digriet ta' 1 ta' Settembru, 1953.[11]

*Sgt* John Crawford Logan li kien l-operatur tar-radju fuq il-Lancaster ġie ċċertikat mejjet fuq il-post. It-tliet membri l-oħra tal-ekwipaġġ ittieħdu l-isptar għall-kura fejn *Sgt* Geoffrey Charles Glanville (ko-pilota, li kien qed itajjar l-ajruplan dakinhar) miet ftit sigħat wara, waqt li l-inġinier, *Sgt* Wilfred Morris, miet l-għada, 31 ta' Diċembru 1952. Il-pilota, *Sgt* John C.E. Smith, li kien ittieħed l-isptar fi stat gravi ħafna, ġie rrapurtat jumejn wara l-inċident li, għalkemm il-kundizzjoni tiegħu



*Il-ħerba li ħalla t-tiġrif tal-Lancaster fi Triq il-Ġdida. L-ewwel dar fuq il-lemin li tidher bis-soqfa mġarrfa hi tal-familja Seychell.*

kienet għada serja, qaleb xi ftit għall-aħjar.[12]

Il-Ġimgħa, 2 ta' Jannar 1953 sar il-funeral bl-unuri militari (*Full Military Honours*) fiċ-ċimiterju Militari tal-Imtarfa ta' tnejn mill-membri tal-ekwipaġġ, *Sgt* Geoffrey Charles Glanville u *Sgt* Wilfred Morris. Il-ġisem ta' *Sgt* John Crawford Logan intbagħat lejn l-Iskozja biex jindifen hemm. Dakinhar stess Air Vice-Marshall B.V. Reynolds, Air Officer Commanding Malta, bagħat cheque ta' £25 mill-A.O.C. *Benevolent Fund* lill-Kappillan ta' Ħal Luqa, Dun Ġużepp Debono, biex itaffi xi ftit mit-tbatija ta' dawk milquta mill-inċident tal-Lancaster.[13]

## Problemi u talbiet għall-kumpens

Il-ħajja għal dawk li kienu skampaw il-periklu tal-mewt kellha tkompli, imma mhux għal kulħadd kien possibli jmur għar-rutina ta' kuljum. Dan l-inċident kien ikkawża danni f'erbatax-il proprjetà privata li stima tal-ħsarat fihom ġiet maħduma minn perit imqabbad mill-Qorti, Albert Vassallo A&CE; surveyors tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi tqabbdu biex jeżaminaw il-ħsarat fis-servizzi essenzjali, bħad-dawl elettriku u l-ilma.[14]

Id-dar Nru 61, Triq il-Ġdida, fejn kienu joqogħdu l-familja Seychell, ġiet iddikjarata mhux abittabbli u għalhekk sakemm isiru t-tiswijiet din il-familja bdiet tfittex post alternattiv. Ma kenitx ħaġa sempliċi; Ħal Luqa kien għadu għaddej minn programm ta' bini mill-ġdid ta' djar li waqgħu bil-gwerra. Għall-ewwel din il-familja ngħatat dar li kienet għada kemm inbniet mill-ġdid bil-*War Damage* fi Triq Papa Innoċenz. Is-sid, li miskin hu ukoll kien ilu biex jerġa' jieħu l-post f'idejh, irrifjuta bil-qawwa; Charlie Seychell u l-familja tiegħu, għalhekk, qattgħu sena jgħixu fid-dar li llum hija l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Luqa sakemm setgħu jerġgħu lura fid-dar ta' Triq il-Ġdida.[15]

Sadanittant, dawk kollha (imbarra wieħed) milquta b'xi mod u li kienu qed jistennew kumpens mingħand l-RAF, ħatru lill-Perit Dom Mintoff – dak iż-żmien *Leader* tal-*Malta Labour Party* (MLP) u Kap tal-Oppożizzjoni – biex jitkellem għalihom. Is-servizz baqa' jinsisti li kien ser jagħti biss pagamenti *ex-gratia* u mhux fuq it-talba li kienet qed issir minnhom. Mintoff qajjem il-kwistjoni fil-pubblikazzjoni tal-MLP fejn ikkritika l-fatt li danni soffruti mir-residenti ta' Ħal Luqa f'dak l-inċident tal-Lancaster kienu għadhom ma tħallsux u akkuża lis-servizzi Ingliżi li qed ikaxkru bil-kwistjoni.[16] F'Awwissu ta' wara din reġgħet tqajjmet f'The Times minn 'Korrispondent Speċjali'. Hu qal li Mintoff saħaq li mhux sew li s-servizzi Ingliżi jkollhom l-aħħar kelma fejn jidħol dan it-tip ta' kumpens, u li wieħed

TIMES OF MALTA, SATURDAY JANUARY 3, 1953

*Luqa Crash Victims Buried*



Air Ministry Photo.
The scene at Mtarfa yesterday morning as the hearse, escorted by pall-bearers from the deceased airmen's Squadron, nears the Military Cemetery.

**Full Military Honours**

By OUR SERVICES REPORTER

VALETTA.

The funeral took place yesterday morning, at Mtarfa Military Cemetery, of two of the three aircrew members who died when their Lancaster bomber crashed on Luqa village on Tuesday morning.

The funeral, attended by many Service representatives, took place with full military honours. The deceased men were Sergeant W. Morris, and Sergeant J. Logan, both R.A.F. personnel.

Reports from R.A.F. Luqa state that the body of the late Sergeant G. Glanville, the third dead airman, has been flown to England for burial.

Air Vice-Marshal B. V. Reynolds, Air Officer Commanding Malta, has sent a cheque for £25 from the A.O.C's Benevolent Fund to the Parish Priest of Luqa, to help alleviate the distress caused by the crash.

**METROPOLITAN POLICE TAKING MORE CADETS**

(Reuter's Service)

LONDON, Jan. 2.

The Metropolitan police cadet force is to be increased from 190 boys to 300, it was announced today. The force is regarded by the police as a very successful scheme and more boys are wanted to work in police stations and at Scotland Yard. There was a long waiting list of boys.

Cadets have had their pay recently raised and it now ranges from 61s. 6d. to 73s. 1d.

**GELIGNITE FOUND IN POST BOX**

**Work of Scottish Nationalists**

(Reuter's Service)

EDINBURGH, Jan. 2.

Scottish Nationalists placed a stick of gelignite in one of the new letter boxes. The scarlet, cylindrical box bears the controversial Royal cypher "E. II R." (meaning Elizabeth II Regina).

Scottish Nationalists claim Queen Elizabeth is the "first" of Scotland since her 16th century namesake ruled only England.

On December 6 a primitive home-made bomb was dropped through the mailing slot but failed to explode. Later the box was smeared with cream paint.

A postman, collecting letters from the box today found the gelignite inside. The detonator and fuse had come apart from the gelignite as it was pushed into the box.

MADRID, Jan. 2. — Spain has abolished cigarette rationing which has been in force since



*Il-ġonna ta' Triq San Ġorġ u Triq il-Ġdida, jidhru l-kmamar u l-bejt fejn kienet qed tonxor Maria Zarb (tal-għaġin).*



*Dehra oħra ta' Triq il-Ġdida fejn tidher waħda mill-magni bl-iskrun tagħha jistrieħ mal-faċċata mġarrfa tal-ħanut tal-ħaddied Noè Ciappara.*

ma jkunx jista' jappella mid-deċiżjonijiet meħuda. Mintoff kien qed jispera li l-Prim Ministru, Dr Ġorġ Borg Olivier, jagħmel ir-rappreżentazzjonjiet tiegħu mar-RAF wara li jkun studja l-każ. Eventwalment il-kumpens li ngħata mill-*Claims Commission* lil dawk milquta kien ibbażat fuq ir-rapport tal-Qorti. Dak li kien qed jitlob għan-nom il-Ħalluqin il-Perit Mintoff kien ibbażat fuq dak li qalulu l-vittmi tad-danni u mhux fuq inkjesta fuq il-post fi żmien l-inċident; għalhekk, skont dar-rapport, it-talbiet magħmula permezz tal-Perit Mintoff ma setgħux ikunu vverifikati.[17]

## Epilogu

Il-pilota Sgt John C.E. Smith kien l-uniku membru tal-ekwipaġġ li baqa' ħaj, għalkemm għadda minn żmien twil ta' tbatija sakemm reġa' ġie f'tiegħu. Huwa qatt ma seta' jeħles mit-trawma ta' dak li ġara, speċjalment it-telfa ta' sħabu kollha f'dak l-inċident u li kien hu l-kawża ta' vittma ċivili innoċenti fuq l-art. Dejjem baqa' jfaħħar l-għajnuna li hu u martu rċevew mill-komunità Maltija fit-triq twila tiegħu għall-fejqan. L-inkjesta uffiċjali ħelsitu minn kull responsabiltà għal dak kollu li ġara. Huwa miet żgħir, fl-età ta' 47 sena.[18]

Mill-informazzjoni li nġabret għal dan l-artiklu jidher li hemm ħafna aktar x'wieħed jista' joħroġ u għalhekk minn għandu xi aktar tagħrif hu ġentilment mitlub li jgħadduhomlna biex forsi 'l quddiem ikun hemm skop ta' xogħol aktar wiesa'. Dan l-inċident m'għandu xejn inqas impatt minn dak ta' fuq Ħaż-Żabbar tal-1975 li huwa magħruf sew tista' tgħid ma' kulħadd. F'Ħal Luqa stess bilkemm issib min jaf fuq it-traġedja tal-Lancaster fl-1952 u forsi wasal iż-żmien li l-Ħalluqin itellgħu mafkar kif inhu xieraq, jew inkella tissemma triq, biex din l-istorja ma tintesa' qatt.

© Richard J. Caruana – 2012

**Noti u Referenzi:**

1 Charlie Seychell; intervista mal-awtur, 18.05.2012, Ħal Luqa
2 Individual Aircraft Histories – Avro Lancaster p. 2: http://www.cnapg.net/lancaster2.htm
3 Times of Malta; 31.12.1952, p.7-8
4 Said, Mark Anthony; riċerka mhux ippubblikata, mgħoddija lill-awtur
5 *op. cit*; Times of Malta; 31.12.1952; nota: għalkemm ġieli tintuża l-kelma 'mitjar' għal 'ajruport' ikun aktar korrett li tintuża speċifikament għal 'runway'
6 *idem*
7 *op. cit.*; C. Seychell
8 Indrì Camilleri; informazzjoni li għadda lil Ġorġ Bondin, 18.05.2012, Ħal Luqa
9 Connie Marsh (neè Ellul); intervista mal-awtur, 15.05.2012, Ħal Luqa
10 Defunctorum, Parroċċa Sant'Andrija, Ħal Luqa, Vol.6, Fol.277; nota f'dan ir-reġistru turi li fl-1955 il-fdalijiet tagħha tqiegħdu f'qabar ieħor
11 The London Gazette; nru 39952, 1.09.1953
12 Times of Malta; 1.01.1953, faċċata ta' quddiem
13 Times of Malta; 3.01.1953, p.12. Nota: dan ir-rapport huwa żbaljat fejn hemm li kien Glanville li ntbagħat l-Ingilterra għad-difna. L-awtur sab id-dettalji tal-qabar ta' Logan fl-Iskozja fuq l-internet: http://scottishwargraves.phpbbweb.com/scottishwargraves-ftopic1204.html
14 Times of Malta; 31.08.1953, p.8
15 *op. cit.*; C. Seychell
16 The Knight; Ġunju 1953
17 *op. cit*; Times of Malta, 31.08.1953
18 Phil Catling, miżżewweġ lit-tifla ta' John C.E. Smith, f'kumment fuq website lokali: http://www.aviationinmalta.com

**Ħajr Lil:**

Paul Spiteri li għaddielna r-ritratti tat-tiġrif tal-ajruplan u Johnny Micallef tana r-ritratti ta' Ħal Luqa mill-ajru.
Ġorġ Bondin, li ġabar ħafna informazzjoni u ritratti, li għaddiehom lili
Charlie Seychell, Indrì Camilleri u Connie Marsh (neè Ellul), tal-memorji personali tagħhom
Mark Anthony Said, li għaddieli r-riċerka tiegħu fuq dan il-każ
Times of Malta
Uffiċċju Parrokkjali